Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 1178/1996/1

**Carmelo Galea u martu Emma**
**u**
**Michael Pace Gasan u martu Michelina Shirley**

**vs**

**Guido Vella u martu Antonia Vella**

**Il-Qorti:**
**<u>PRELIMINARI</u>**
**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April, 1996, l-atturi ppremettew illi bi skrittura privata datata 2 ta' Marzu, 1994, il-konvenut Vella f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' martu obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur Carmelo Galea li obbliga ruhu li jaccetta u jixtri l-porzjoni art maghrufa bhala plot numru 6 u hekk ukoll markata fil-pjanta annessa Dokument A, liema plot fiha faccata fuq Main Street, fil-Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta, tal-kejl ta' tnejn u erbghin pied (42') faccata u hamsin pied (50') fond, kejl superficjali ta' mitejn u dsatax punt hamsin metri kwadri (219.50), liema plot hija libera u franka, u kellha tigi trasferita bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha konfinanti Tramuntana mat-triq, Lvant ma' beni ta' Leli Buhagiar u Punent ma' beni tal-familja Ciantar, versu l-prezz ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000), li fuqha thallas hames mitt lira Maltin (Lm500) akkont u l-bilanc fuq il-kuntratt, b'dan il-kuntratt kellu jsir sa zmien xahar minn meta johrog il-permess tal-bini u li Carmelo Galea kellu d-dritt idahhal lil terzi minfloku fuq l-att finali, - illi bi skrittura privata datata 30 ta' Gunju, 1994, l-attur Carmelo Galea obbliga ruhu li jbiegh, icedi, jassenja u jittrasferixxi a favur ta' l-atturi Michael Pace Gasan u martu Michelina Shirely, li obbligaw ruhhom li jaccettaw, jakkwistaw u jixtru l-istess porzjoni art fuq indikata, - illi l-permess tal-bini fuq l-art de quo inhareg mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar fil-15 ta' Frar, 1996 u illi ghalkemm gew debitament interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Marzu, 1996, sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, il-konvenuti baqghu inadempjenti; ghalhekk l-atturi talbu li l-imsemmija Qorti (1) tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghall-att pubbliku ta' bejgh fejn huma ibieghu u jittrasferixxu lill-atturi Michael Pace Gasan u martu Michelina Shirley li jixtru u jakkwistaw minghandhom l-art maghrufa bhala plot numru sitta (6) u hekk ukoll immarkata fil-pjanta annessa Dokument A mal-konvenju, liema plot fiha faccata fuq Main Street fil-Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta, tal-kejl ta' tnejn u erbghin pied (42') faccata u hamsin pied (50') fond, kejl superficjali ta' mitejn u dsatax punt hamsin metri kwadri (219.50), liema plot hija libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha konfinanti Tramuntana mat-triq, Lvant ma' beni ta' Leli Buhagiar u Punent ma' beni tal-

familja Ciantar, versu l-prezz ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju datat 2 ta' Marzu, 1994, bejn l-attur Carmelo Galea u l-konvenuti (2) tiffissa lok, jum u hin ghall-pubblikazzjoni ta' att pubbliku (3) tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' bejgh (4) tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenuti f'kaz ta' kontumacja taghhom fuq l-att pubbliku, - bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti eccepew (1) illi l-konvenuta Antonia Vella mhux il-legittima kontradittrici peress li qatt ma kienet notifikata (2); illi l-att tal-konvenju skada peress li ma kienux interpellati l-vendituri kollha ai termini ta' l-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili u (3) illi l-kawza tac-citazzjoni hija wahda illecita peress li l-iskrittura tmur kontra l-interess pubbliku ghax il-prezz kwotat fl-imsemmija skrittura mhuwiex il-prezz reali.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza parzjali taghha tal-31 ta' Lulju, 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti billi cahdithom u dana ghar-ragunijiet hemm imsemmija, - bl-ispejjez pero` fil-konfront ta' dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet in linja ma dak li intqal f'dik is-sentenza a karigu ta' l-atturi. B'sentenza moghtija fis-16 ta' Frar 2001, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet il-kawza billi (1) laqghet l-ewwel talba u kkundannat lill-konvenuti jersqu ghall-att pubbliku ta' bejgh fejn huma ibieghu u jittrasferixxu lill-atturi Michael Pace Gasan u martu Michelina Shirley li jixtru u jakkwistaw minghandhom l-art maghrufa bhala plot numru (6) u hekk ukoll immarkata fil-pjanata annessa Dokument A mal-konvenju, liema plot fiha faccata fuq Main Street, fil-Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta, tal-kejl ta' tnejn u erbghin pied (42') faccata u hamsin pied (50') fond, kejl superficjali ta' mitejn u dsatax punt hamsin metri kwadri (219.50), liema plot hija libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha konfinanti Tramuntana mat-triq, Lvant ma' beni ta' Leli Buhagiar u Punent ma' beni tal-familja Ciantar, versu l-prezz ta' hames elef lira Maltin (Lm5,000)

u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju datat 2 ta' Marzu, 1994, bejn l-attur Carmelo Galea u l-konvenuti; (2) ordnat li l-kuntratt relativ ghandu jsir fl-edificcju tal-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2001, fl-10:30 a.m. fejn ghandu jigi pubblikat l-att pubbliku; (3) innominat lin-Nutar Pierre Falzon sabiex jippubblika l-att ta' bejgh peress li hu li kien ghamel il-konvenji in kwistjoni; u (4) il-Qorti finalment innominat lill-Avukat Dottoressa Deborah Huber bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-konvenuti f'kaz ta' kontumacja taghhom fuq l-att pubbliku; l-ispejjez tal-kawza kellhom kollha jithallsu mill-istess konvenuti kif kellhom ukoll jithallsu l-ispejjez tan-nomina tal-kuratur deputat. L-ispejjez tan-Nutar invece kellhom jithallsu mill-kompratur skond il-ligi.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

4. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija moghtija fil-31 ta' Lulju, 1997 kif ukoll bis-sentenza fuq ukoll imsemmija moghtija fis-16 ta' Frar, 2001, u jappellaw minnhom fuq l-aggravju li gej:

(A) Kwantu ghas-sentenza moghtija fil-31 ta' Lulju, 1997, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi mart il-konvenut Guido Vella, cioe` l-esponenti Antonia Vella, qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali preskritta <u>ad unguem</u> mill-Art. 1357(2) tal-Kap. 16 sabiex tista' tigi esegwita weghda ta' bejgh. Jirrizulta mill-provi li l-esponenti mart il-konvenut Guido Vella li jisimha Antonia giet indikata fl-imsemmija ittra ufficjali bhala Mary. Skond l-istess mart il-konvenut il-Marixxal, meta gie biex jinnotifika l-ittra ufficjali staqsiha jekk kienitx "Mary" u hija wegbitu "le" ghax jisimha "Antonia". Il-Marixxal hassar imbaghad bil-lapis il-kelma "Mary" u kiteb "Antonia" minflok u ghadda biex jinnotifika d-dokument.

Dawn il-provi juru li meta giet notifikata mart il-konvenut, l-isem fuq l-ittra ufficjali kien ghadu "Mary" ghax il-fatt li gie korrett bil-lapis bil-kelma "Antonia" ma jfissirx li b'daqshekk il-kelma "Mary" kienet qeghdha tigi sostitiwita. Dan kien jafu l-istess Marixxal li kien jaf li hu ma kellux is-setgha li jbiddel il-kliem f'att gudizzjarju ghax dan id-dritt kien jikkompeti biss lill-Qorti – tant li l-korrezzjoni ghamilha bil-lapis. It-triq li kellu jaghzel il-Marixxal kienet li jinforma

lill-parti li baghtet l-ittra ufficjali sabiex dak l-izball jigi korrett skond il-ligi u mbaghad wara l-ittra ufficjali tigi notifikata bl-isem korrett skond il-ligi ta' Antonia. Il-fatt li l-esponenti Antonia Vella rceviet minghand il-Marixxal l-ittra ufficjali korretta minnu bil-lapis huwa irrilevanti ghax dak li huwa null ab ovo ma jistax jigi sanat b'dan il-mod. Id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ipprivat lill-esponenti mid-dritt li jigu notifikati skond il-ligi.

Bir-rispett kollu lill-ewwel Qorti jigi umilment sottomess illi s-sentenza fuq imsemmija taghti poteri lill-Marixxalli li jinnotifikaw atti zbaljat a diskrezjoni taghhom meta l-ligi ma taghtihomx dawn il-poteri, u tista' taghti lok u tiftah il-bibien ghal abbuzi serji. Kif jinghad fil-qawl Malta "Mis-sebgha tiehu l-id" u hekk ikun jista' jigri jekk l-ufficjali tal-Qorti jinghata s-setgha li jinnotifikaw att zbaljat billi semplicement jikkoreguh huma stess bil-lapis.

Jista' jizdied li l-istess zball fl-isem ta' l-esponenti, mart il-konvenut, gie ripetut fic-citazzjoni li saret sussegwentement ghall-imsemmija ittra ufficjali zbaljata billi fiha mart il-konvenut gie ukoll indikata bhala "Mary". F'dan il-kaz il-Qorti ikkoregiet l-izball fuq talba ta' l-atturi.

Isegwi ghalhekk li ma jistax jinghad li l-atturi sejhu, fil-kliem ta' l-Art. 1357(2) "lil dak li wieghed (mart il-konvenut) b'att gudizzjarju prezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli" u ghalhekk il-procedura stabbilita bil-ligi fl-Art. 1357(2) ma gietx segwita u l-atturi ma jistghux jinsistu ghall-ezekuzzjoni tal-konvenju. Isegwi ghalhekk ukoll li l-ewwel zewg eccezzjonijiet jisthoqilhom li jigu akkolti.

(B) Kwantu ghas-sentenza finali tas-16 ta' Frar, 2001, u bla pregudizzju ghal dak li gie sottomess hawn fuq, jigi sottomess bir-rispett li t-talba attrici jisthoqilha li tigi rigettata ghal diversi ragunijiet li sejrin jigu sottomessi hawn taht:

(1) L-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Marzu, 1996, (Dok XX hawn anness) mibghuta lill-konvenuti (zbaljatament, kif inghad fuq, lil "Mary Vella) ma gietx mibghuta minn Emma Galea mart l-attur Carmel Galea, wahda mill-partijiet fil-konvenju

tat-2 ta' Marzu, 1994, fejn kienet rapprezentata minn zewgha (ara l-ahhar paragrafu 9 fil-konvenju – Dok. Y1 kopja fotostatika u Dok. Y2 dattilografata). Ghalhekk hija ma setghetx taghmel il-kawza prezenti flimkien ma' zewgha billi naqset li taghmel l-ittra ufficjali minnha rikjesta skond l-Art. 1357(2) tal-Kap. 16. Dan mhux il-kaz ta' zball imma l-kaz ta' nuqqas billi Emma Galea ma batietx ittra ufficjali minnha rikjesta mil-ligi u ghalhekk skond it-termini ta' l-istess Art. 1357(2) l-effett tal-weghda spicca meta ghalaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet.

(2) Mhux hekk biss imma fl-istess ittra ufficjali (Dok. XX) mibghuta lill-konvenuti l-esponenti Vella, Michael Pace Gasan (wiehed mill-atturi flimkien ma' martu Michelina Shirley fil-kawza prezenti) deher wahdu u martu ma ssemmietx fl-imsemmija ittra ufficjali. Ghalhekk apparti minn konsiderazzjonijiet ohra li se jigu sottomessi izjed tard, martu, ghar-ragunijiet esposti fil-paragrafu precedenti, ma setghetx taghmel il-kawza prezenti flimkien ma' zewgha. Ta' min jinnota f'dan ir-rigward li l-ittra ufficjali ohra ta' l-istess data (Dok X) li Michael Pace Gasan baghat lil Carmelo u Emma Galea, dehret mieghu wkoll martu, haga li ma ghamlitx fl-ittra ufficjali lill-konvenuti.

(3) Ghandu jizdied li ma jidhirx li Michelina Shirley mart Michael Pace Gasan qatt iffirmat il-konvenju ma' zewgha li huma ghamlu fit-30 ta' Gunju, 1994, ma' Carmelo Galea u martu, ghalkemm mart Michael Pace Gasan dehret personalment fuq l-istess konvenju kif jinghad u jidher mill-kopja fotostatika hawn annessa Dok Z1 u mill-kopja dattilografata hawn ukoll annessa markata Dok. Z2, fejn it-tieni paragrafu fl-ewwel pagna, wara li jinghad li kien qed jidher Michael Pace Gasan, hemm imnizzel il-kliem "u martu". Anke ghal din ir-raguni l-konjugi Pace Gasan ma jistghux jinsistu fuq it-talba odjerna.

(4) Fil-konvenju bejn Galea u Pace Gasan, Carmelo Galea, f'ismu u ghan-nom ta' martu obbliga ruhu li jbiegh, icedi, jassenja u jittrasferixxi lil Pace Gasan u martu li obbligaw ruhhom li jaccettaw, jakkwistaw u jixtru il-porzjoni ta' art in kwistjoni. Dana jammonta ghal konvenju

ta’ xiri u bejgh u baqa’ dejjem konvenju u Pace Gasan qatt ma akkwistaw xejn. Il-konjugi Galea jmisshom ittrasferew u cedew lill-konjugi Pace Gasan id-drittijiet taghhom li kellhom taht il-konvenju mal-konjugi Vella tat-2 ta’ Marzu, 1994, sabiex imbaghad il-konugi Pace Gasan, bhala cessjonarji ta’ l-istess drittijiet u bhala sostituti ghall-konjugi Galea, kienu jkunu jistghu jagixxu kontra l-konvenuti l-konjugi Vella. Izda minn dan kollu ma sar xejn. Il-konjugi Pace Gasan qatt ma akkwistaw xi drittijiet kontra l-konvenuti l-esponenti Vella u ghalhekk ma jistghux jagixxu kontra taghhom. Huma kellhom biss favur taghhom promessa ta’ bejgh li llum skadiet. Huma qatt ma saru cessjonarji tad-drittijiet ta’ Galea kontra l-konvenuti u ghalhekk ma ghandhom l-ebda drittijiet fil-konfront tal-konvenuti u l-kawza taghhom kontra l-konvenuti ghandha taqa’.

(5) Ghandu jigi osservat li ma giex pruvat mill-kontro-parti li l-ittra ufficjali fuq imsemmija li Michael Pace Gasan u martu baghtu lil Carmelo u Emma Galea giet segwita b’citazzjoni kontra l-istess Galea. Ghalhekk skond l-Art. 1357(2) l-effett tal-weghda ta’ bejniethom spicca. Kien dmir tal-konjugi Carmelo u Emma Galea b’citazzjoni kontra taghhom skond it-termini tal-konvenju li kienu ghamlu bejniethom. Huma ma ghamlux l-imsemmija citazzjoni u ghalhekk dak il-konvenju spicca isehh u Pace Gasam m’ghandomx dritt li jinsistu fuq it-talba odjerna maghmulha fic-citazzjoni prezenti. Il-fatt li huma ghamlu l-kawza mal-konjugi Galea ma jfissirx li baqa’ jsehh il-konvenju bejn Galea u Pace Gasan billi biex dak il-konvenju baqa’ jsehh imisshom, skond il-kliem espressi tal-ligi, segwew l-imsemmija ittra ufficjali b’citazzjoni kontra l-konjugi Galea. Il-ligi ma taghmel l-ebda eccezzjoni ghal dak li timponi fl-Art. 1357(2) u ghalhekk dak li timponi espressament ma jistax jigi sostitwit b’haga ohra. Hawn mhux il-kaz ta’ interpretazzjoni tal-ligi imma ta’ rekwiziti cari u univoci li ghandhom jigu segwiti.

(6) Fl-ahharnett, dejjem bla pregudizzju ghal dak li gie sottomess hawn fuq, il-proprjeta` li kienet sejra tinbiegh kienet proprjeta` parafernali tal-konvenut l-esponent Guido Vella kif jidher mill-kopja tal-kuntratt ta’ donazzjni

pubblikat min-Nutar Dottor Antoine Agius fit-3 ta' Settembru, 1986 (Dok. ZZ). Ghalhekk meta fuq il-konvenju ma' l-atturi Galea, il-konvenut Guido Vella deher ukoll ghal martu, dan sar zbaljatament billi l-proprjeta` in vendita ma kenitx tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk ma kienx il-kaz li jidhru z-zewg konjugi Vella flimkien. Skond il-konvenju l-konvenut ma kienx qieghed jipprometti li jbiegh il-proprjeta` kollha (li kienet tieghu) imma sehem minn dik il-proprjeta` billi zbaljatament inhaseb li kienet tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Is-sehem l-iehor li skond il-konvenju kellha mart il-konvenut bhala sehem fil-komunjoni ta' l-akkwisti kien qed jinbiegh mill-istess martu. Il-kontro-parti ghalhekk ma tistax tinsisti fuq l-ezekuzzjoni ta' konvenju zbaljat ghax il-konvenut Vella qatt ma wieghed li jbiegh il-proprjeta` kollha kif kellu jwieghed stante li kienet tappartjeni biss lilu. Anke ghal din ir-raguni t-talbiet ta' l-atturi ghandhom, bir-rispett kollu, jigu respinti.

(7) L-appellanti jissottometti wkoll li fil-fatt il-prezz miftiehem ma' Galea kien dak ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) u mhux ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) kif hemm indikat fil-konvenju bejn il-konjugi Galea u l-konvenuti esponenti. Dana jirrizulta mid-depozizzjoni tal-konvenut l-esponent Guido Vella li jghid li fil-konvenju tnizzlet is-somma ta' Lm5,000, billi l-kumpratur Galea ried inaqqas l-ispejjez tal-bolli u huwa kien fdah. Ta' min jinnota li huwa sintomatiku li d-dikjarazzjoni guramentata li akkompanjat ic-citazzjoni prezenti saret mill-attur Michael Pace Gasan u mhux mill-attur Carmelo Galea. Dana Pace Gasan qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-konvenuti esponenti u qatt ma kien imdahhal fid-diskors bejn l-attur Galea u l-esponent konvenut Guido Vella u ghalhekk kellu jillimita d-dikjarazzjoni tieghu ghal dak li rrizultalu mid-dokumenti. Wiehed kien jistenna li Carmelo Galea jixhed u jichad il-versjoni moghtija mill-konvenut esponent, izda dana ma sarx. Ghalhekk id-depozizzjoni tal-konvenut Vella bir-rispett kollu ghandha tigi accettata ghaliex ma gietx kontradetta, - dana apparti d-diskrepanza kbira bejn il-prezz ta' Lm5,000 muri fuq il-konvenju bejn Galea u l-konvenuti u dak ta' Lm15,000 li deher fuq il-konvenju ftit gimghat wara bejn Galea u Pace Gasan, li

tkompli tikkonferma li l-prezz indikat mill-konvenut ta' Lm10,000 huwa verosimili.  Ghalhekk it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti jisthoqilha li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Lulju, 1997, billi tilqa' l-imsemmija l-ewwel zewg eccezzjonijiet moghtija mill-appellanti u ghalhekk tilqa' l-appell maghmul mill-istess sentenza u li joghgobha wkoll tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili fis-16 ta' Frar, 2001, billi tilqa' l-appell ta' l-appellanti mill-istess sentenza u ghalhekk joghgobha tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-ATTURI CARMELO GALEA U MARTU EMMA, MICHAEL PACE GASAN U MARTU MICHELINA SHIRLEY, GHALL-APPELL TAL-KONVENUTI, GUIDO VELLA U MARTU ANTONIA VELLA</u>**

5. L-appellati wiegbu hekk:
Illi s-sentenza parzjali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 31 ta' Lulju, 1997, u dik finali, tas-16 ta' Frar, 2001, huma gusti u jimmeritaw konferma;

Illi b'riferenza ghall-aggravju migjuba mill-appellanti fir-rigward tas-sentenza parzjali tal-31 ta' Lulju, 1997, l-appellanti jirrilevaw illi m'hemmx dubju illi l-ittra indirizzata lil Guido Vella 'u martu Mary', kienet intiza li tigi notifikata lill-unika mara li sa fejn jaf l-appellanti, ghandu l-appellant Guido Vella.  Illi li kieku Guido Vella kellu iktar minn mara wahda, allura f'dak il-kaz, l-argument ta' l-appellant jista' jaghmel sens, izda, f'kuntest lokali, dan ma jaghmilx in kwantu ma hemm l-ebda dubju li dik l-ittra ufficjali kienet intiza li tigi notifikata lil Guido Vella u martu.  Fil-fatt, martu Antonia ffirmat u accettat in-notifika ta' din l-ittra ufficjali.

Ghalhekk, in-notifika ta’ Antonia Vella hija valida. Dan huwa wkoll konformi mas-sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell li ghamlet riferenza ghalihom il-Prim’Awla fis-sentenza parzjali taghha, fl-ismijiet Vella vs Galea, deciza fit-23 ta’ Ottubru, 1991, u Gatt Baldacchino vs Arcidiacono, deciza fis-16 ta’ Settembru, 1994. Dawn is-sentenzi ikkonfermaw li l-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biss biex jigu identifikati dawk il-persuni u distinti minn persuni ohra.

Meta pero` din id-distinzjoni hija cara, m’huwiex gust u lecitu li persuna specifika u identifikata, tinqeda bi zball biex tiskarta mill-obbligi minnha assunti. Fejn l-identita` ta’ min akkwista u min assuma, hija hekk facli, u determinabbli, l-isem zbaljat hija materjali u ta’ importanza sekondarja. F’dan il-kaz, la darba l-identita` ta’ mart Guido Vella kienet identifikata mill-ittra ufficjali, il-fatt li l-isem gie erroneament indikat bhala Mary flok Antonia, ma jirrendix ghalhekk invalida l-ittra ufficjaliipprezentata fil-konfront taghha, u minnha accettata;

Illi kwantu ghall-aggravji l-ohra sollevati mill-appellanti, l-esponenti jirrelevaw illi dawn huma ibbazati effettivament, fuq eccezzjonijiet li qatt ma gew sollevati mill-konvenuti fil-kors tal-kawza, u li ghalhekk, ma jistghux jigu solelvati f’dan l-istadju a tenur ta’ l-Artikolu 158(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghaldaqstant, la darba l-konvenut qatt ma eccepixxa fil-Prim Istanza:-

(i) illi l-effett tal-konvenju spicca ghaliex mart l-attur Carmelo Galea, qatt ma baghtet ittra ufficjali lill-konvenut (para. B(1) ta’ l-Appell);

(ii) illi Shirely Pace Gasan ma setghetx taghmel il-konvenju ghaliex ma ssemmietx fl-ittra ufficjali (para. B(2) ta’ l-Appell);

(iii) illi Shirley Pace Gasan ma iffirmatx il-konvenju ma’ Carmelo Galea;

(iv) illi l-atturi Pace Gasan ma ghandhom l-ebda drittijiet fil-konfront tal-konvenuti u l-kawza taghhom ghandha taqa’ il-ghaliex huma qatt ma akkwistaw xi drittijiet kontra

l-konvenuti Vella u ghalhekk ma setghux jagixxu kontra taghhom;

(v) illi l-effett tal-weghda bejn l-atturi Galea u l-atturi Pace Gasan, spiccat ai termini ta’ l-Artikolu 1357(2), ghaliex ma giex ippruvat li l-ittra ufficjali Pace Gasan baghtu lill-atturi Galea, giet segwita b’kawza;

dawn il-punti li huma ibbazati effettivament fuq eccezzjonijiet li qatt ma saru fil-kors tal-kawza, u ghalhekk fuqhom qatt ma setghu jitresqu provi mill-atturi, ma jistghux jigi sollevati f’dan l-istadju ta’ l-appell;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kontenzjoni illi Emma Galea mart l-attur Carmel Galea, u Shirley Pace Gasan mart Michael Pace Gasan, ma setghux jaghmlu l-kawza odjerna ghaliex l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti saret biss mill-irgiel taghhom, (para. B.1. u B.2. tar-rikors ta’ l-Appell), huwa nfondat legalment in kwantu l-atturi Carmel Galea u Michael Pace Gasan kienu qeghdin jagixxu wkoll fl-interess ukoll tan-nisa taghhom bhala amministraturi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti meta saret l-ittra ufficjali. Il-fatt li l-kawza giet ipprezentata wkoll min-nisa taghhom, turi li huma irratifikaw l-agir ta’ l-irgiel taghhom li bl-ebda mod ma jgib in-nullita` ta’ l-ittra ufficjali jew inaqqas mid-drittijiet tan-nisa taghhom li jaghmlu l-kawza ma’ l-irgiel taghhom;

B’riferenza ghall-argument (para. B.4. tar-rikors ta’ l-Appell), illi l-atturi Galea ma cedewx id-drittijiet taghhom lill-atturi Pace Gasan, l-esponenti jirrelevaw illi a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-konvenju bejn Carmelo Galea u Guido Vella, datat 2 ta’ Marzu, 1994, Carmelo Galea kellu d-dritt li “jista’ jdahhal lil terzi minflok fuq l-att finali”. Illi fil-konvenju bejn Carmelo Galea u Michael Pace Gasan datata 30 ta’ Gunju, 1994, il-partijiet kellhom l-intenzjoni illi, suggett ghall-kundizzjonijiet hemm stipulati, Michael Pace Gasan akkwista d-dritt li jidher fuq l-att finali, sakemm ma jezercitax id-dritt li jissostitwixxi ruhu b’terzi. Illi fil-fatt, l-appellant Guido Vella kien gie infurmat bil-fatt li Michael Pace Gasan kien dahal f’konvenju ma’ Carmelo u li kien ser ikun hu li kien ser jidhol fuq l-att finali;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenju bejn Guido Vella u Carmelo Galea zgur li ghadu validu u ghalhekk fi kwalsiasi kaz, l-appellant xorta jibqa' obbligat li jittrasferixxi l-proprjeta` lill-Carmelo Galea (li fi kwalsiasi kaz kellu d-dritt jigi sostitwit b'terzi fuq il-kuntratt);

Illi ghar-ragunijiet spjegati fil-paragrafi 6 u 7 ta' din ir-risposta, ma kienx hemm bzonn li ssir kawza minn Pace Gasan kontra Carmelo Galea, u kien bizzejjed li dan jaghmel kawza kontra Guido Vella ma' min kien ser isir il-kuntratt finali;

Illi b'riferenza ghall-punt sollevat fil-paragrafu B(6) ta' l-appell, l-esponenti jirrilevaw li huwa inkorrett u zbaljat li wiehed jghid li l-appellant kien qed ibiegh biss "sehem minn dik il-proprjeta`". Skond il-konvenju, huwa kien qed ibiegh il-proprjeta` kollha. Kull ma sar huwa, illi ghal prekawzjoni billi kienu ghadhom dahlu fis-sehh l-emendi tal-ligi tal-familja, il-partijiet iddikjaraw fl-ahhar tal-konvenju, illi huma dehru fuq dan il-konvenju, mhux biss f'isimhom proprju, izda wkoll "ta' zwieghom debitament awtorizzati". Il-fatt li l-proprjeta` kienet kollha tar-ragel u mhux biss parti, ma jfissirx li din id-dikjarazzjoni tfisser li r-ragel ghalhekk kien qed ibiegh biss in-nofs u mhux in-nofs l-iehor li kien tieghu wkoll. Il-konvenju huwa car, fis-sens li Carmelo Galea biegh il-proprjeta` kollha. Ghalhekk, jekk sehmu kien biss nofs, kien qed jidher ghall-bejgh ta' nofs, jekk sehmu kienet il-proprjeta` kollha, allura kien qed jidher ghall-bejgh tal-proprjeta` kollha;

Fl-ahhar nett, kwantu ghall-argument sollevat fil-paragrafu B(7) tar-rikors ta' l-Appell, l-esponenti ma ghandu xejn xi jzid ma' dak deciz mill-Qorti li dehrilha li dan ma kienx il-kaz u li l-appellant ma gab l-ebda prova biex juri mod iehor.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellati talbu li s-sentenza [recte: sentenzi] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'din il-kawza ghandhom jigu konfermati bl-ispejjez kontra l-konvenut [recte: konvenuti].

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

6. Fir-rikors ta' l-appell taghhom, il-konvenuti ressqu diversi aggravji, kemm aggravji ta' indole legali kif ukoll fil-meritu.

Din il-Qorti tosserva li fost dawn l-aggravji tal-konvenuti hemm xi xhud minnhom li gew imsejsa fuq sottomissjonijiet li quddiem l-Ewwel Qorti ma kienux gew ivventilati u dan stante l-fatt li l-konvenuti ma kienu ssollevaw ebda eccezzjoni jew eccezzjonijiet f'dan is-sens biex ikopru dak illi odjernament qeghdin jissottomettu fi stadju ta' appell. Fost dawn l-aggravji li ma kienux jiffurmaw parti mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti – u li konsegwentement din il-Qorti ma tistax, bhala Qorti ta' revizjoni, tiddelibera u tiddeciedi dwarhom – insibu s-segwenti,

(i) li Emma Galea, mart l-attur Carmel Galea, ma setghetx tistiwixxi l-kawza prezenti flimkien ma' zewgha peress li naqset li taghmel ittra ufficjali minnha rikjesta skond l-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16;

(ii) li fl-ittra ufficjali (ara Dok XX) lill-konvenuti – li dwar in-notifika taghha hemm aggravju separat u li dwaru din il-Qorti sejra tiddelibera ulterjorment – l-attur Michael Pace Gasan jidher li pprezentaha wahdu u martu Michelina Shirely Pace Gasan ma tissemmiex fl-imsemmija ittra;

(iii) li l-imsemmija Michelina Shirely Pace Gasan mart Michael, qatt ma ffirmat il-konvenju <u>de quo</u> flimkien ma' zewgha u li sar fit-30 ta' Gunju, 1994. Dan minkejja li l-istess konvenju jsemmi li mart Michael Pace Gasan dehret personalment;

(iv) illi l-konjugi Pace Gasan qatt ma akkwistaw xi drittijiet kontra l-konvenuti appellanti;

(v) li ma giex ippruvat mill-kontro-parti appellata li l-ittra ufficjali <u>de quo</u> li Michael Pace Gasan u martu baghtu lil Carmelo u Emma, konjugi Galea, giet segwita b'citazzjoni kontra l-istess konjugi Galea. Dan in-nuqqas inissel il-

konsegwenza li l-effett tal-weghda vigenti bejn Pace Gasan u Galea kienet spiccat;

Il-fatt li l-konjugi Pace Gasan ghamlu kawza flimkien mal-konjugi Galea ma kienx ifisser ukoll li baqa’ fis-sehh il-konvenju li kien hemm bejniethom. Il-ligi ma taghmel l-ebda eccezzjoni ghal dak li timponi fl-art. 1357(2) tal-Kap. 16.

(vi) li l-proprjeta` li kienet sejra tinbiegh kienet tifforma parti mill-proprjeta` parafernali tal-konvenut appellant Guido Vella. Ghalhekk meta inghad fil-konvenju li sar ma’ l-atturi li l-konvenut Guido Vella deher ukoll ghal martu, dan kien taghrif zbaljat ghaliex l-istess proprjeta` ma kienitx tifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u ghalhekk ma kienx il-kaz li l-konjugi konvenuti Vella jidhru konguntement.

7. Din il-Qorti ma teskludix il-possibilita` li xi whud (certament mhux kollha) minn dawn is-sottomissjonijiet kien fihom x’wiehed jikkunsidra imma darba li jirrizulta li tqajmu biss ghall-ewwel darba fi stadju ta’ appell, meta setghu liberament gew sollevati quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad, m’huwiex issa opportun u proceduralment lecitu li jigu dibattuti quddiem din il-Qorti. Lanqas ma hu il-kaz fejn eccezzjonijiet ta’ din ix-xorta jistghu jitqajmu minn din il-Qorti “ex officio”.

Ghal din ir-raguni l-imsemmija aggravji qeghdin jigu respinti.

8. Fil-bidu tar-rikors ta’ appell taghhom, il-konvenuti ressqu aggravju ta’ indole legali rigwardanti l-validita` o meno tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali spedita mill-atturi appellati kontra l-konvenuti Guido u Antonia, konjugi Vella, in kwantu din l-ittra inharget zbaljatament kontra “Mary Vella” minflok kontra “Antonia Vella”. Jirrizulta li dan l-izball fl-isem tal-konvenuta Antonia Vella gie korrett fuq l-att gudizzjarju stess b’annotazzjoni maghmulha bil-lapes min-naha tal-Marixxal tal-Qorti fil-kors tan-notifika. Skond l-appellati dan l-operat tal-Marixxal kien jezorbita

mill-poteri li taghtih il-ligi u kien tali illi jirrendi l-imsemmija notifika bhala wahda nulla u bla ebda effetti legali. Dan kollu, jsostnu l-appellanti, igib il-konsegwenza illi effettivament l-appellanti Antonia Vella qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali kif hemm preskritt ad unguem fl-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16.

9. Dwar dana l-aggravju, li certament huwa wiehed ta' certa portata u serjeta`, iz-zewg partijiet kellhom opportunita` ampja li jiddibattuh quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. Dik l-istess Qorti jidher li gharblet sew din l-eccezzjoni u bhala argument kontra dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, il-konvenuti qeghdin tutt'ora jinsistu li meta l-Qorti ddikjarat tali notifika bhala wahda legalment valida, dik il-Qorti kienet zbaljata u skorretta. Kulma kellha taghmel l-ewwel Qorti, jissottomettu l-appellanti, kien li tara jekk dak li hemm stabbilit fil-ligi giex segwit jew le. Mhux kaz hawn ta' interpretazzjoni imma ta' kostatazzjoni ta' fatt, isostnu l-appellanti.

10. Jibda billi jigi osservat li l-ewwel Qorti emanat zewg decizjonijiet dwar din il-vertenza, u li l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti li proprju jirreferu ghal dana l-aggravji in ezami gew michudin bl-ewwel sentenza in parte moghtija fil-31 ta' Lulju, 1997. Korrettement, il-konvenuti qeghdin jappellaw espressament kemm minn din id-decizjoni in parte, kif ukoll minn dik finali moghtija fis-16 ta' Frar, 2001.

Minn ezami tal-provi prodotti huwa pacifiku li bhala fatt jirrizulta tassew li l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuti appellanti biex jaddivjenu ghall-kuntratt finali ta' trasferiment inharget fl-ismijiet ta' Guido Vella u Antonia Vella. Dan il-fatt mhux kontestat. Lanqas ma gie kkontestat il-fatt li meta l-Marixxall tal-Qorti mar biex jinnotifika l-ittra hu sab lill-konvenuta Antonia Vella, u li din infurmatu li isimha proprju kien 'Antonia' u mhux 'Mary'. Jirrizulta inoltre li dan l-ufficjali minn rajh ha l-inizjattiva li jikkoregi bil-lapes isem l-intimata biex jigi jikkorrispondi ma' isem il-konvenuta. Il-punt li jrid jigi rizolt hu jekk tali operat min-naha tal-Marixxall tal-Qorti kienx jirrendi

invalida n-notifika ta’ l-ittra ufficjali in kwistjoni fil-konfront ta’ Antonia Vella.

11. Ikun ferm utli fl-ewwel lok li jigu inkluzi certi fatti cirkostanzjali ohrajn ma’ dawk gia` msemmija billi dawn il-fatti jincidu fuq il-punt in ezami. L-ewwel fatt hu li l-att tac-citazzjoni kien inhareg originarjament kontra Mary Vella bhala ko-konvenuta, pero` jirrizulta li dana l-izball gie korrett fil-kors tas-smiegh tal-kawza u sancit b’digriet ta’ l-ewwel Qorti moghti fl-14 ta’ Jannar, 1997. It-tieni fatt hu li skond ma ddepona n-nutar Pierre Falzon, ankorche’ b’certa ezitazzjoni (ara deposizzjoni ta’ l-14 ta’ Jannar, 1996, a fol. 61 tal-process), dan l-isem inghata lin-nutar mill-konvenut zewgha Guido Vella. Li hu assodat pero` hu li bhala fatt ukoll jirrizulta li l-att tal-konvenju gie moqri lill-konvenut Guido Vella u li dan ma jidhirx li ghamel xi rimarka dwar isem martu. Jirrizulta wkoll li bhala fatt l-ittra ufficjali giet fizikament moghtija f’idejn il-konvenuta Antonia Vella, u dwar l-identita` taghha f’dan is-sens ma kien hemm ebda dubju ghaliex kienet hija stess li rrilevat lill-Marixxall tal-Qorti li isimha kien ‘Antonia’ u mhux ‘Mary’.

12. L-ewwel Qorti jidher li bbazat id-decizjoni taghha fuq zewg ragunijiet, igifieri li (1) ghal fini ta’ notifika ta’ att gudizzjarju l-izjed haga importanti u determinanti kienet l-identita` tal-persuna li kellha tkun innotifikata, imqar jekk dwar isimha tirrizulta xi skorretezza u (2) li f’dan il-kaz in ezami, l-ittra ufficjali de quo giet segwita b’citazzjoni li bil-korrezzjoni li saret fiha giet li ssanat kull dubju li seta’ kien hemm dwar in-notifika ta’ l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16.

13. Fil-kawza fl-ismijiet Maria Carmela Vella et –vs- Anton Galea et (Cit. Nru. 113/86) deciza minn din il-Qorti, kif diversament komposta, deciza fit-23 ta’ Ottubru, 1991, u li ghaliha rriferiet ukoll l-ewwel Qorti intqal fiha,
“…. li huma l-persuni li jakkwistaw drittijiet u ghandhom obbligazzjonijiet u li l-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biex il-persuni jigu identifikati u distinti minn persuni ohra.”

Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, ma ghandux ikun hemm dubju li effettivament il-persuna realment notifikata kienet il-konvenuta Antonia Vella u mhux xi haddiehor bl-isem ta' 'Mary Vella'. Ovvjament b'daqstant ma jfissirx li l-interpellazzjoni mhux awtorizzata da parti tal-Marixxal tal-Qorti fl-att gudizzjarju kienet proceduralment ritwali; imma jfisser biss li ma jistax jinghad li l-appellanti Antonia Vella ma gietx servuta u notifikata bl-ittra ufficjali de quo. Dana kollu fi sfond fejn skond zewgha, l-appellant Guido Vella, tali notifika lanqas ma kienet mehtiega peress li hawn, skond hu, si trattava wara kollox ta' proprjeta` parafernali li kienet tappartjeni biss lilu. F'kull kaz, hemm imbaghad it-tieni raguni l-ghala din il-procedura setghet tibqa' miexja 'l quddiem, igifieri in vista tal-prezentata ta' att gudizzjarju iehor kontra l-intimati per via ta' citazzjoni. Fir-rigward ta' dan it-tieni fattur, l-ewwel Qorti strahet fuq decizjoni ohra moghtija minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Spiteri –vs- Frank sive Francis Cremona et (Citaz. Nru. 137/90) fil-15 ta' Dicembru, 1995 li, fost ohrajn, irriteniet li gej,

"It-teorija ghalhekk li ghandha tigi abbraccjata hija dik li ssostni li z-zminijiet stipulati fis-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 1357 huwa perijodu ta' dekadenza. Illi pero`, il-weghda ma tispiccax jekk l-accettant jipprezenta att gudizzjarju qabel ma jaghlaq iz-zmien u citazzjoni sussegwenti jekk ma jkunx sar il-kuntratt fi zmien it-tletin gurnata minn meta jaghlaq iz-zmien. Il-kwistjoni tan-notifika ta' l-att gudizzjarju qabel ma tigi pprezentata c-citazzjoni tigi li hija rilevanti ghalhekk biss ghall-kap ta' l-ispejjez. Fin-nuqqas ta' notifika bl-att gudizzjarju, il-konvenut ikollu kull dritt jilmenta illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu ta' l-attur. Huwa zgur, pero`, illi dan in-nuqqas ma jwassalx biex ikun jista' jirtira minn obbligazzjoni minnu assunta u li kellha tigi konkluza anke qabel ma gie pprezentat l-att gudizzjarju fit-terminu tal-konvenju."

14. Din il-Qorti hija tal-fehma li dak li gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa korrett, li allura jfisser li l-aggravju tal-konvenuti li l-appellanti Antonia Vella, mart Guido, ma gietx notifikata validament permezz ta' ittra ufficjali jew

b’att iehor gudizzjarju fiz-zmien preskritt fil-ligi ai termini ta’ l-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 m’huwiex fondat u qieghed ghalhekk jigi respint.

15. Fl-ahharnett, l-appellanti jressqu aggravju iehor fis-sens li l-prezz tal-bejgh miftiehem ma’ l-appellat Carmelo Galea kien dak ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) u mhux dak li tnizzel fl-att tal-konvenju, fejn invece tnizzlet biss is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000)

16. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tibda billi tosserva li trattandosi hawn ta’ evalwazzjoni ta’ provi ta’ fatt hija ma tiddisturba qatt leggerment dik l-evalwazzjoni li tkun gia` saret mill-Qorti ta’ l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni serja. It-tieni punt hu li din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha ghandha quddiemha skrittura privata, (ara l-att tal-konvenju a fol. 9 – 16 tal-process) iffirmata mill-appellat Carmelo Galea u l-appellant Guido Vella, fejn fiha jinghad li l-prezz tal-bejgh miftiehem hu dak ta’ Lm5000.00 u mhux kif xehed l-appellant. Dan l-ammont jirrizulta li gie kkonfermat ukoll min-nutar Pierre Falzon li rrediga l-konvenju u qrah lill-firmatarji – (ara deposizzjoni tal-11 ta’ Frar, 1999, a fol. 71 – 77 tal-process). Huwa veru li l-appellant qieghed jghid li dan l-ammont ma kienx jirrispekkja sew l-ammont shih imma kontra din ix-xiehda unika tieghu, hemm dokument iffirmat minnu li jghid xort’ohra. Il-fatt imbaghad li din l-art kellha terga’ tinbiegh lil haddiehor bi prezz ferma oghla mill-akkwirent Galea ma jfissirx li b’daqshekk il-konvenut ghamel il-prova li l-ammont li hu nizzel flimkien ma’ Carmelo Galea fuq il-konvneju kien inferjuri ghal dak reali. L-iskritturi jsiru sewwa sew biex dubbji bhal dawn kemm jista’ jkun jigu evitati u mhux biex jikkomplikaw ruhhom l-affarijiet permezz ta’ xiehda ulterjuri biex tinghata interpretazzjoni ta’ dak li jkun gie miftiehem u tnizzel in iskritt. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll huwa infondat u qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma z-zewg sentenzi appellati, tichad l-appell tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------